

32006D0387

3.6.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 150/11

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-15 ta' Mejju 2006****li tawtorizza lir-Renju ta' Spanja sabiex japplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 11 u l-Artikolu 28e tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ**

(2006/387/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

jintroduċi miżura li tidderoga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/388/KEE li jirregolaw l-ammont taxxabli għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema Komuni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud: bażi uniformi ta' stima <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 27 tagħha,

(3) Konformement ma' l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba magħmula mir-Renju ta' Spanja b'ittra datata s-7 ta' Ottubru 2005. F'ittra datata l-10 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni innotifikat lir-Renju ta' Spanja li hija kellha t-tagħrif kollu meqjus minnha bħala meħtieġ sabiex tivvaluta t-talba.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

(4) L-Artikolu 11(A)(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KEE jstabbilixxi l-ammont taxxabli ta' forniture għall-finijiet tal-VAT bħala dak kollu li jikkostitwixxi l-ħlas magħmul għall-forniture. L-Artikolu 28e(1) ta' dik id-Direttiva jirregola l-ammont taxxabli ta' akkwisti intra-Komunitarji, b'referenza għall-Artikolu 11(A).

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex jintroduċi miżuri speċjali għal deroga minn dik id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura ta' l-impożizzjoni tat-taxxa jew sabiex jimpedixxi ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

(5) Il-miżura li teħtieġ deroga hija maħsuba sabiex timpedixxi t-telf tat-taxxa li jirriżulta mill-manipolazzjoni ta' l-ammont taxxabli ta' fornituri ta' prodotti, servizzi, u akkwisti intra-Komunitarji suġġetti għall-VAT fejn bejjiegħ iżomm prezz imnaqqas lil xerrej konness li ma jkollux id-dritt tat-tnaqqis sħiħ.

(2) F'ittra datata l-21 ta' Ġunju 2005 u li waslet għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fit-22 ta' Lulju 2005, ir-Renju ta' Spanja talab l-awtorizzazzjoni sabiex

(6) Il-miżura għandha tkun immirata sabiex tapplika biss fil-każijiet ta' l-evitar jew ta' l-evażjoni tal-VAT u biss meta jkun sodisfatt numru ta' kundizzjonijiet. Il-miżura hija għalhekk proporzjonata għall-għan segwit.

(1) ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2006/18/KE (ĠU L 51, 22.2.2006, p. 12).

(7) Derogi simili ngħataw lill-Istati Membri oħra sabiex jimpedixxu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxa u nstabu li kienu effettivi.

- (8) Hemm derogi, skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE, li jimpedixxu l-evitar tal-VAT konness ma' l-ammont taxxabbli ta' fornituri bejn partijiet relatati, inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2005 ta' Direttiva li tirrazzjonalizza wħud mid-derogi skond dak l-Artikolu <sup>(2)</sup>. Huwa għalhekk meħtieġ li l-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' din id-deroga jiġi terminat meta dik id-Direttiva tidħol fis-seħħ.
- (9) Din id-deroga għandha tissalvagwardja l-ammont tal-VAT dovut fil-fażi finali tal-konsum u ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet li jiġu mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 11(A)(1)(a) u mill-Artikolu 28e tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Renju ta' Spanja huwa b'dan awtorizzat sabiex jipprovdi li l-ammont taxxabbli ta' forniture ta' prodotti jew ta' servizzi jew ta' akkwist intra-Komunitarju ta' prodotti għandu jkun l-istess bħall-valur tas-suq miftuħ, kif definit fl-Artikolu 11(A)(1)(d) tad-Direttiva msemmija fejn il-korrispettiv ikun sinifikattivament anqas mill-valur tas-suq miftuħ u fejn ir-riċevitur tal-fornitura, jew fil-każ ta' akkwist intra-Komunitarju, l-akkwirenti, ma jkollux dritt għal tnaqqis sħiħ taħt l-Artikolu 17 tad-Direttiva 77/388/KEE.

Din il-miżura tista' tintuża biss sabiex timpedixxi l-evitar jew l-evazzjoni tat-taxxa u meta l-korrispettiv, li fuqu l-ammont taxxabbli ikun altrimenti bbażat, ikun ġie influwenzat minn rabtiet familjari, ta' ġestjoni, tad-dritt ta' proprjetà, finanzjarji jew legali kif definiti fil-liġi nazzjonali. Għal dawn l-għanijiet, ir-rabtiet legali għandhom jinkludu r-relazzjoni formali bejn min iħaddem u l-impjegat.

#### Artikolu 2

L-awtorizzazzjoni mogħtija taħt l-Artiklu 1 għandha tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li tirrazzjonalizza d-derogi skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 77/388/KEE li jimpedixxu l-evitar jew l-evazzjoni tal-VAT permezz tal-valutazzjoni ta' fornituri bejn persuni konnessi, jew fil-31 ta' Diċembru 2009, skond liema data tiġi l-ewwel.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Mejju 2006.

Għall-Kunsill  
Il-President  
U. PLASSNIK

(1) ĠU C 125, 24.5.2005, p. 12.